

32000D0572

23.9.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 240/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-8 ta' Settembru 2000****li tfassal kondizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam minn pajjiżi terzi u li tħassar id-deċiżjoni 97/29/KE**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2000) 2533)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2000/572/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1994 li tfassal il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni u t-tpoġġija fuq is-suq ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 13,

billi:

- (1) Kondizzjonijiet speċifiċi li għandhom x' jaqsmu mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 94/65/KE għall-importazzjoni fil-Komunità ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam iridu jiġu stabbiliti f'mudell ta' ċertifikat li jinkludi l-kondizzjonijiet kemm dwar is-saħħa pubblika kif ukoll dik ta' l-annimali. Dawn il-kondizzjonijiet ma jistgħux ikunu inqas jorbtu minn dawk stipulati fl-Artikoli 3 u 5 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/29/KE ⁽²⁾ tistabilixxi kondizzjonijiet dwar saħħa u ċertifikazzjoni ta' saħħa pubblika għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam minn pajjiżi terzi.
- (3) Kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għandhom ma ġewx stabbiliti.
- (4) Mudell ġdid ta' ċertifikat irid jiġi stabilitt li jstipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa kemm tal-pubbliku kif ukoll ta' l-annimali għall-importazzjonijiet ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam.
- (5) Id-Deċiżjoni 97/29/KE trid tiġi mħassra.
- (6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni jimxu skond l-opinjoni tal-Kumitat permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tistipula kondizzjonijiet dwar annimali u saħħa pubblika u ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' kapuljat u preparazzjonijiet ta' laħam.

⁽¹⁾ ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10.⁽²⁾ ĠU L 12, tal-15.1.1997, p. 33.

L-importazzjoni ta' kapuljat hija soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. irid ikun sar skond ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva 94/65/KE;
2. jiġi minn stabiliment jew stabilimenti li joffru l-garanziji provduti fl-Anness I tad-Direttiva 94/65/KE;
3. ikun surġelat fl-impjant jew fl-impjanti ta' oriġini.

Artikolu 3

L-importazzjoni ta' preparazzjonijiet ta' laħam hija soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. iridu jkunu saru skond ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 94/65/KE;
2. jiġu minn stabiliment jew stabilimenti li joffru l-garanziji provduti fl-Anness I tad-Direttiva 94/65/KE;
3. ikunu surġelati fl-impjant jew fl-impjanti ta' oriġini.

Artikolu 4

1. Kull kunsinna ta' kapuljat trid tiġi akkumpanjata b' ċertifikat tas-saħħa oriġinali u numerat, mimli, iffirmat u datat, li jikkonsisti f'folja waħda u li jikkonforma mal-mudell li jidher fl-Anness I.

2. Kull kunsinna ta' preparazzjonijiet ta' laħam trid tiġi kkumpanjata b' ċertifikat tas-saħħa oriġinali u numerat, mimli, iffirmat u datat, li jikkonsisti f'folja waħda u li jikkonforma mal-mudell li jidher fl-Anness I.

3. Iċ-ċertifikati għandhom jinkitbu f'ta' mill-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' introduzzjoni fil-Komunità.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2000.

Artikolu 6

1. Id-Deċiżjoni 97/29/KE hija mħassra mid-data msemmija fl-Artikolu 5.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kapuljat u ta' preparazzjonijiet ta' laħam, magħmul u ċertifikat skond ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 97/29/KE waqt il-35 jum wara d-data msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA TA' L-ANNIMALI U TA' SAĦĦA PUBBLIKA GĦALL-KAPULJAT ⁽¹⁾

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa għal skopijiet veterinarji biss u jrid jakkumpanja l-kunsinna sakemm tilħaq il-post ta' spezzjoni tal-fruntjiera.

Numru kodifikat ⁽²⁾

Pajjiż ta' destinazzjoni:

Pajjiż li jesporta ⁽³⁾: Kodiċi tat-territorju:

Ministerium:

Awtorità kompetenti minn fejn ħareġ:

I. Identifikazzjoni tal-kapuljat

Nru tal-lott	Tip ta' l-ispeċi tal-laħam ⁽⁴⁾	Numru ta' oġġetti jew pakketti individwali:	:
		Temperatura tal-maħżen u tat-trasport	
		Tul ta' żmien fil-maħżen	
		Piż nett	
		Tip ta' prodotti ⁽⁵⁾	

II. Oriġini tal-kapuljat

Indirizz(i) u numru(i) ta' approvazzjoni veterinarja ta' stabiliment(i) approvat(i) ta' manifattura:

.....

Indirizz(i) u numru(i) ta' approvazzjoni ta' maħżen/mħażen kiesħa approvat(i) ⁽⁶⁾:

.....

Indirizz(i) tal-post ta' tgħobija:

.....

Isem u ndirizz tal-konsenjatur:

.....

⁽¹⁾ Skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/65/KE.

⁽²⁾ Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

⁽³⁾ Isem tal-pajjiż ta' oriġini li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż ta' esportazzjoni.

⁽⁴⁾ Baqar, ħnieżer, naġħaġ u mogħoż.

⁽⁵⁾ Semmi kull radjazzjoni ionizzanti għal raġunijiet mediċi.

⁽⁶⁾ Jekk meħtieġ.

III. Destinazzjoni ta' kapuljat

Isem u indirizz tad-destinatarju:

.....

Il-laħam għandu jintbagħat lil: (pajjiż u post ta' destinazzjoni)

.....

.....

permeżż tal-mezzi ta' trasport li ġejjin ⁽⁷⁾

Vagun tal-ferrovija	trakk	Ajruplan	Vapur

IV. Attestat ta' saħħa

Jien, is-sottokritt, niċċertifika li jiena qrajt u fhimt id-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE u li l-kapuljat deskritt hawn fuq:

(a) jikkonsisti f'laħam miksub mill-ispeċji msemmija f'li hawn fuq li:

— jissodisfa l-kondizzjonijiet relevanti dwar saħħa ta' l-annimali stipulati fid-Deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni ⁽⁸⁾ u/jew ⁽⁹⁾

— joriġina fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE ⁽¹⁰⁾;


(b) ġie magħmul skond ir-rekwiżiti mfassla fl-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva 94/65/KE;

(c) jiġi minn stabiliment jew stabilimenti li joffru l-garanziji provduti fl-Anness I tad-Direttiva 94/65/KE;

(d) kien surġelat fil-impjant jew fl-impjanti ta' oriġini.

Magħmul (post), fil-..... (data)

(Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali) ⁽¹¹⁾



.....
(Isem f'ittri kapitali)

⁽⁷⁾ Fir-rigward ta' vaguni tal-ferroviji jew trakkijiet, in-numru ta' reġistrazzjoni għandu jingħata, meta dan ikun magħruf. Għal kontenituri tal-balk in-numru tal-kontenitur. In-numru tas-siġill irid jiġi ndikat.

⁽⁸⁾ Numru tad-Deċiżjoni(jiet) relevanti u presenti għal laħam frisk ta' l-ispeċji domestiċi suxxettibbli relattivi jrid jiġi nkluż. Laħam mill-pajjiż terz konċernat li jesperta biss jista' jintuża fil-manufattura ta' kapuljat.

⁽⁹⁾ Ħassar skond kif xieraq.

⁽¹⁰⁾ Laħam ta' speċji u kategoriji li fir-rigward tagħhom importazzjonijiet mill-pajjiż terz konċernat huma awtorizzati mill-KE biss jista' jkun joriġina mill-Istati Membri għal użu fil-manufattura tal-kapuljat.

⁽¹¹⁾ Il-firma u s-siġill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

L-ANNEX II

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA TA' L-ANIMALI U TA' SAĦĦA PUBBLIKA GĦALL-PREPARAZZJONIJIET TAL-LAĦAM ⁽¹⁾

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa għal skopijiet veterinarji biss u jrid jakkumpanja l-kunsinna sakemm tilħaq il-post ta' spezzjoni tal-fruntjiera.

Numru kodifikat ⁽²⁾

Pajjiż ta' destinazzjoni:

Pajjiż li jesperta ⁽³⁾: Kodiċi tat-territorju:

Ministeru:

Awtorità kompetenti minn fejn ħareġ:

I. Identifikazzjoni ta' preparazzjonijiet tal-laħam

Tip ta' laħam (speċji) ⁽⁴⁾		Numru ta' oġġetti jew pakketti individwali
Animali bovini u ta' l-irziezet bid-difer mifrud (esklużi l-ħnieżer)	Ħnieżer ta' l-irziezet	Temperatura ta' ħżin u ta' trasport
		Tul ta' żmien fil-maħżen
		Piż nett
Animali slavaġ bid-difer mifrud (esklużi ħnieżer)	Leporidae slavaġ	
Għasafar tal-kaċċa ferali	Fenek domestiku	Tip ta' prodotti ⁽⁵⁾
Tajr ta' l-irziezet u tajr ta' l-irziezet bir-rix		

II. Oriġini tal-preparazzjonijiet tal-laħam

Indirizz(i) u numru(i) ta' approvazzjoni veterinarja ta' stabiliment(i) approvati ta' manifattura:

.....

Indirizz(i) u numru(i) ta' approvazzjoni ta' maħżen/mħażen kiesħa approvati ⁽⁶⁾:

.....

Indirizz(i) tal-post ta' tghobija:

.....

Isem u indirizz tal-konsenjatur:

.....

⁽¹⁾ Skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 94/65/KE.

⁽²⁾ Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

⁽³⁾ Isem tal-pajjiż ta' oriġini li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż ta' esportazzjoni.

⁽⁴⁾ Immarka b' a'x' ifil-kaxxa vojta skond kif xieraq.

⁽⁵⁾ Semmi kull radjazzjoni ionizzanti għal raġunijiet mediċi.

⁽⁶⁾ Jekk meħtieġ.

III. Destinazzjoni tal-preparazzjonijiet tal-laħam

Isem u indirizz tad-destinatarju:

Il-laħam għandu jintbagħat lil: (pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permeż tal-mezzi ta' trasport li ġejjin ⁽⁷⁾

Vagun tal-ferrovija	Trakk	Ajruplan	Vapur

IV. Attestat ta' saħħa

Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li jiena qrajt u fhimt id-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE u li l-preparazzjonijiet ta' laħam deskritti hawn fuq:

(a) jikkonsistu f'laħam miksub mill-ispeċji msemmija f'li hawn fuq li

- jissodisfa l-kondizzjonijiet relevanti dwar saħħa ta' l-annimali stipulati fid-Deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni ⁽⁸⁾, u/jew ⁽⁹⁾
- joriġina fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jissodisfa r-rekwiżiti ta' ⁽¹⁰⁾
 - fil-kas ta' laħam frisk tal-baqar, ħnieżer, nagħaġ u mogħoż, ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE ⁽⁹⁾,
 - fil-kas ta' laħam frisk minn tajr domestiku, ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE ⁽⁹⁾,
 - fil-kas ta' laħam tal-fenek u laħam ta' annimali ta' l-irziezet, ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE ⁽⁹⁾;
 - fil-kas ta' laħam ta' kaċċa ferali, r-rekwiżiti ta' l-Artikoli 3, 4, 5 u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE ⁽⁹⁾;


(b) ġew magħmula skond ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 94/65/KE;

(c) jiġi minn stabiliment jew stabilimenti li joffru l-garanziji provduti fl-Anness I tad-Direttiva 94/65/KE;

(d) kien fid-"deep-freeze" fl-impjant jew fl-impjanti ta' oriġini.

Magħmul, fil-.....
(post) (data)

(Timbru u firma ta' veterinarju uffiċjali) ⁽¹¹⁾



.....
(Isem f'ittri kapitali)

⁽⁷⁾ Fir-rigward ta' vaguni tal-ferroviji jew trakkijiet, in-numru ta' reġistrazzjoni għandu jingħata, meta dan ikun magħruf. Għal kontenituri tal-balk in-numru tal-kontenitur. In-numru tas-siġill irid jiġi ndikat.

⁽⁸⁾ Numru tad-Deċiżjoni(jiet) relevanti w presentu għal laħam frisk ta' l-ispeċji domestiċi suxxettibbli relattivi jrid jiġi nkluż. Laħam mill-pajjiż terzi konċernat li jesperta biss jista' jiġi utilizzat fil-manufattura tal-preparazzjonijiet tal-laħam.

⁽⁹⁾ Ħassar skond kif xieraq.

⁽¹⁰⁾ Laħam ta' speċji u kategoriji li fir-rigward tagħhom importazzjonijiet mill-pajjiż terz konċernat huma awtorizzati mill-KE biss jista' jkun joriġina mill-Istati Membri għal użu fil-manufattura tal-preparazzjonijiet ta' laħam.

⁽¹¹⁾ Il-firma u s-siġill iridu jkunu f'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.